LEHEN IS-SOCJETA' MUZIKALI SAN LAWRENZ



Marzu - April 2010

Ħarġa nru. 56

L-Arlogġ
Cash & Carry

PROP: CHARLES BOXALL

Misraħ ir-Rebħa, Vittoriosa
Tel: 21801308 Mob: 99470561

FRANKA LIRA Prop. Carol Ellul

Fejn issib toys, detergents, stationery u ħafna affarijiet oħra

Kważi kollox bi prezz ta' Lira

Victory Square, Vittoriosa - Tel: 2180 7544 Mob: 7942 9165

Fava Woodworks Co. Ltd.

KW 17B, Corradino Industrial Estate, Paola
Tel: 2182 7650

Manufacturers of all types of Wooden Mouldings

Showrooms at the Factory and
80, St. Joseph High Road, Ħamrun

SPECIAL PRICES FOR FURNISHED FLATS OWNERS

Kejkijiet għall-Parties tat-tfal

Agħżel bejn Bob the Builder, Barbie, Dora,
Princess, Superman, Hello Kitty, etc.
Ċempel lil Steffi fuq 99426970 jew
e-mail: steffibugeja@yahoo.com

Soċjetà Mużikali San Lawrenz
Belt Vittoriosa

Il-Kelma tal-President

Lawrence V. Farrugia

Mill-bidu tas-sena l-attività fil-Każin ma waqfitx, insemmi l-Laqgħa Ġenerali Straordinarja fejn dawk preżenti approvaw ir-rapport amministrattiv u finanzjarju għas-sena 2009. Ta' min ifaħħar il-mod kif il-Kumitat qiegħed jamministra l-finanzi tal-Każin għax filwaqt li l-attività dejjem għaddejja u kompla għaddej ix-xogħol ta' manutenzjoni, l-infieq qiegħed isir bl-akbar attenzjoni u kontroll, u s-sena finanzjarja tal-Każin ġħalqet bil-bilanċ. Kif jgħidu fassal il-libsa skond il-pezza, u hekk qiegħed isir fil-Każin. Veru li aktar minn qabel hemm il-ħtiega li wieħed jamministra il-finanzi tal-Każin bl-akbar għaqal għaliex l-ispejjeż dejjem qegħdin jiżdiedu u li kieku ma kienx għax-xogħol fil-Każin li jsir mill-volontiera kif ukoll is-support li ġħandna minn numru ta' Benefatturi kif ukoll għad-donazzjonijiet mingħand is-supporters tagħna, tkun difficli ħafna li nibbilanċjaw il-kontijiet. Nieħu l-okkażjoni biex nitlob lil min ġħandu kuntatti ma' kumpaniji jew stabbilimenti li jistgħu jgħinuna billi jirreklamaw fil-pubblikazzjonijiet tal-Każin jew jisponsorjaw attivitajiet tal-Każin biex ikellmuna ħalli nagħmlu kuntatt magħhom.

Inħoss obbligu lejn il-membri tas-Soċjetà tagħna li nżommuhom aġġornati dwar dak li ġħandhom ħafna ġħal qalbhom, il-Festa ta' San Lawrenz. Fl-aħħar edizzjoni konna wrejna l-preokkupażżjoni tagħna dwar x'sejjer jiġri dwar il-proposti li hemm fid-dokument ta' konsultazzjoni li ħarget l-awtorità tal-Knisja. Nistgħu nirrapurtaw li bdew id-diskussjonijiet bejn l-Ġħaqda Każini tal-Banda u l-Awtorità tal-Knisja.

Nieħdu pjaċir ngħarrfukom li kellna żviluppi ġodda dwar il-bini ta' sala oħra fuq is-sala tal-kunċerti. Iltqajna mal-Benefatturi ta' dan il-proġett u qed jiġi ppjanat biex jibda x-xogħol tal-bini fil-Ġimgħa ta' wara Ħadd il-Ġħid. Xogħol ta' dan il-kobor żgur li sejjer joħloq xi ftit diffikultajiet u inkonvenjent fil-Każin imma bil-koperazzjoni ta' kulħadd nippruvaw li nimminimizzaw kemm huwa possibli l-inkonvenjenza.

Kif ħabbarna fil-bidu tas-sena l-Kunċert Annwali din is-sena sejjer isir nhar is-Sibt 24 t'April fil-Caraffa Exhibition Halls. Sejjer isir ġimgħa tard aktar mis-soltu minħabba il-mawra tal-Papa f'Malta. Nieħu l-okkażjoni biex f'isem is-Soċjetà Mużikali Banda Vittoriosana San Lawrenz nesprimi l-ferħ tagħna u nagħti Merhba lill-Qdusija tiegħu Il-Papa Benedittu XVI.

Nappella lill-Membri kollha biex nattendu bi ħġarna ġħall-manifestazzjonijiet li se jsiru b'sinjal ta' rispett u sottomessjoni lejn il-Kap tal-Knisja Kattolika.

Din is-sena sejrin niddedikaw dan il-Kunċert lis-Surmast Direttur tal-Banda Mro. Paul Schembri li ilu jmexxi bl-akbar kapaċità l-Banda Vittoriosana San Lawrenz ġħal dawn l-aħħar 30 sena. Nixtieq li ġħan-nom tas-Soċjetà tagħna nifraħ u nirringrazzja lis-Surmast ġħall-kontribut kbir li ta lill-Banda tagħna kemm fid-Direzzjoni kif ukoll ġħall-kompożizzjonijiet muzikali tieghu. F'dan il-Kunċert sejjer jindaqq ġħall-ewwel darba 'Grande Marcia' li s-Surmast ikkompona ġħal din l-okkażjoni. Irrid inrodd ħajr lill-isponsors ta' dan il-Kunċert, lill-Cottonera Waterfront li jagħtuna l-Caraffa Exhibition Hall u lill-Kumitat Festi Esterni San Lawrenz tal-ġħajnuna tagħhom.

Fil-preżent fil-Każin ġħaddej l-armar tal-wirja 'Ġetsemani'. Nieħdu pjaċir naraw in-numru ta' wirjiet qiegħed dejjem jikber, tant li din is-sena ġewwa l-Birgu sejjer ikollna sittax il-wirja. Dan jawgura tajjeb ġħall-futur biex ikompli jsaħħaħ ir-rabtiet li Beltna minn dejjem kellha maċ-ċelebrazzjonijiet tal-Ġimgħa Mqaddsa.

Il-Wirja 'Ġetsemani' sejra tiġi nawgurata nhar il-Ħamis 25 ta' Marzu b'kunċert Mużiko- Letterarju fis-Sala Prinċipali tal-Każin mill-University Junior College Student Orchestra, li ġħaliha kulħadd huwa mistieden. Fil-ġranet ta' wara l-Banda tkun impenjata biż-żewġ servizzi tal-Ġimgħa Kbira u Ħadd il-Ġħid. Servizzi li jinvolvu mpenn biex torganizzahom ġħaliex id-domanda ġħall-Bandisti tkun kbira u ħafna Bandisti jisfruttaw is-sitwazzjoni u jitolbu ħlas esaġerat.

Filwaqt li nawgura lill-Membri tal-Kumitat, Kummissjonijiet, Membri u l-Familji tagħhom l-Ġħid it-Tajjeb nistedinkom biex tingħaqdu magħna ġħall-Buffet li ser isir fil-Każin nhar is-Sibt 3 t' April wara li tispiċċa l-funzjoni ta' Sibt il-Ġħid.

Werrej

Il-Kelma tal-President	3
Mill-Birgu tal-Imgħoddi	4/5
Ittri lill-Editur	5
Ġetsemani	6
Niltaqgħu mal-Avukat	6
Inkomplu Naħdmu ġħall-Ġid tal-Banda	7
Peppi Ġellel	8/9
Ġħalina n-Nisa	10
Wiċċ Imb'Wiċċ Ma'	11/13
L-Isbaħ Żmien tas-Sena	12/13
Attività Marzu - April	14

Editur
Simon Farrugia

Proofreading
Bjorn Callus
Elaine Farrugia Bondin

Ritratti
Melvin Degiorgio
Noel Gauci
Andrew Grech
Lawrence Parascandolo

Ritratt Faċċata

Il-Banda Vittoriosana
San Lawrenz
tesegwixxi Programm Funebru
waqt il-proċessjoni tal-Ġimgħa l-Kbira

Stampat

Triq l-Industrija, Qormi
Tel: 21 250 994 Mob: 9949 0344
printright@onvol.net

Mill-Birgu tal-Imgħoddi

Anton Attard

Il-Qima lejn Ġesu' Nazzarenu fil-Birgu

Fis-sena 1854, wara li xbieha ta' Ġesù' Nazzarenu meqjuma fil-Knisja ta' San Carlo alle Quattro Fontane, f'Ruma, kienet qed tagħmel dawk li tqiesu bħala mirakli, id-devozzjoni lejn Ġesù' Nazzarenu xterdet ħafna. Hawn Malta din waslet ukoll, u dan sa wassal biex, fl-1893, l-Isqof Pietru Pace qiegħed l-ewwel ġebla ta' knisja f'Tas-Sliema li ġiet iddedikata lil Ġesù Nazzarenu. Barra minn hekk, sal-bidu tas-seklu għoxrin, ftit kienu l-knejjes li fihom ma kontx issib xi xbieha tiegħu.

Fil-Birgu, sa l-1908 ma kienx għad hawn xbieha tan-Nazzarenu u dawk il-ftit devoti tiegħu li kien hemm, li xtaqu jitolbu quddiem xi xbieha tiegħu, kienu jmorru fi knejjes oħra. Dan intebaħ bih Dun Ġużepp Fabri, saċerdot fil-Knisja ta' San Lawrenz, li flimkien ma' zijietu ħabrek biex fil-Knisja Parrokkjali tal-Birgu jkun hemm ukoll xbieha tan-Nazzarenu. Dawn laħqu l-għan tagħhom billi ħasbu għar-restawr ta' xbieha tal-Ecce Homo, li kien hemm fuq l-artal tal-kappella ta' San Franġisk, libbsuha l-labtu tat-Trinitarji biex hekk ħadet ix-xebħ ta' xbihat tan-Nazzarenu fi bnadi oħra.

Il Kappella ta' San Franġisk, dak iż-żmien, kienet l-ifqar li kien hemm fil-Knisja ta' San Lawrenz, iżda b'saħħet il-bust tan-Nazzarenu issa meqjum fiha, fi żmien qasir ġiet armata sew u ma kien jonqosha xejn. Bdew jaslu offerti, bħala radd ta' ħajr, minn ħafna minn dawk li kienu jħossu li qalgħu xi grazzja wara li talbu quddiemu. Permezz tagħhom il-kappella bdiet tiżżejjen aħjar wara li l-kandlieri qodma li kien hemm inbidlu ma oħrajn ġodda u magħhom żdiedu vażetti arġentati bi fjuri tal-granutell mill-isbaħ.

Wara li fil-kappella sar dak li kien jinħtieġ, bl-offerti li baqgħu deħlin, Dun Ġużepp u ħutu għamlu fondazzjoni ta' quddies flimkien ma żewġ għosrien għal jiem il-festa, li bdiet tiġi ċċelebrata f'Jannar.

L-ewwel festa ġiet iċċelebrata l-Ħadd 17 ta' Jannar 1909. Din bdiet fis-6.00 ta' filgħodu bil-qrar u, kif użat dak iż-żmien, bi Tqarbina Ġenerali. Wara l-Vespri bdiet Quddiesa Kantata li għaliha attendew ħafna devoti. Filgħaxija, imbagħad, kif kienet id-drawwa dak iż-żmien, wara l-Għasar, sar il-paniġierku. Kien għamlu Patri Angelo Portelli, Dumnikan, wieħed mill-aqwa predikaturi ta' dak iż-żmien. Il-Barka Sagramentali ġiebet fi tmiemha l-festa ċċelebrata dik is-sena.

Għalkemm id-devozzjoni lejn Gesu' Nazzarenu fil-Birgu waslet wara xi rħula u bliet oħra, patta għal dan il-Qasam tal-Museum ta' din il-belt. Dan, għax kif kienu jgħidu soċji anzjani, kien f'dan il-Qasam li, fil-bidu tas-snin tletin, saret għall-ewwel darba l-funzjoni magħrufa bħala Tal-Kristoloġija, li għaliha kien attenda San Gorg Preca. F'dan il-programm, li aktar tard beda jsir

fil-Velja ta' l-Għid fl-Oqsma Musewmini kollha, tingħad jew titkanta akklamazzjoni lil Ġesu' Kristu, bit-titlu ta' Nazzarenu, għal 18 - il darba

Tikkonferma wkoll id-devozzjoni li San Ġorġ Preca kellu lejn Gesu' taħt dan it-titlu hija li, waqt il-konferenzi li kien jagħmel kien iħeġġeġ lis-semmiegħa li, biex jinħelsu minn mewta zoptu, waqt li jagħmlu salib fuq ġbinhom, fuq xofftejhom u fuq sidirhom, jirreċitaw b'devozzjoni l-ġakulatorja:

"*Ġesù' Nazzarenu, sultan tal-Lhud, ħenn għalina*."

Konferma wkoll li d-devozzjoni tan-Nazzarenu fil-Birgu, għal xi żmien, baqgħet kostanti, fost in-niċeċ li nsibu f'din il-belt kienet saret waħda ta' Ġesù' Nazzarenu f'tarf Triq San Lawrenz, li sfortunatament, iġġarrfet fil-gwerra li għaddiet.

Mal-medda tas-snin, din id-devozzjoni ma baqgħetx li kienet u wara li l-kappella ta' San Franġisk ġiet żarmata biex fiha saret in-niċċa ta' San Lawrenz, il-bust tan-Nazzarenu tneżża mil-labtu li kien jiddistingwih u tqiegħed f'niċċa qrib il-kappella fejn fl-antik kien miżmum b'tant għożża.

Bibliografija
Is-Salib, 12 ta' Diċembru 1908, 6 u 23 ta' Jannar 1909.
Hajr lis-superjur muzewmin George Agius.

Lill-Editur
LEĦEN IS-SOĊJETÀ MUŻIKALI
SAN LAWRENZ
1 Frar 2010

Sur Editur,

Kemm hi sabiħa u tagħmel ġid il-kritika kostruttiva ! Tista' tikkoreġi, tgħallem u tiċċara xi punti. Dan għamel is-Sur J.C. Azzopardi fl-ittra tiegħu fl-aħħar ħarġa ta'-Leħen is-Soċjeta Mużikali San Lawrenz' li fiha ikkoreġini dwar l-isem tal-bieb ta' Ħaż-Żabbar, minn fejn jibda.' l-Birgu. Nirringrazzjah minn qalbi għax veru dak kien żball, li jgħidulu- lapsus - jiġifieri mhux għax ridt ngħid hekk, imma għax ħallatt il-Bieb ta' Ħaż-Żabbar li hu tal-Gran Mastru Nikola Cottoner, ma' dak ta' Hompesch.

Nitlob skuża u ngħid grazzi lis-Sur Azzopardi. Interessanti ħafna it-tagħrif li kompla jagħti dwar din il-kwistjoni tal-limiti tal-Parroċċa tagħna, li għalkemm veru li llum ma tantx niġġieldu fuq dawn l-affarijiet, imma l-istorja tibqa' dejjem storja u għal kull ġenerazzjoni.

Biex insaħħaħ dak li kiteb is-Sur Azzopardi nixtieq inżid ukoll li meta il-kulleġġ De La Salle immexxi mill-Freres, ġie minn Bormla, fejn kienu fi Strada Bongiorno, għall-post f'tal-Ħawli fejn jinsabu llum, bdew isejħu lilhom infushom-**DE LA SALLE COLLEGE COTTONERA**, u mhux Vittoriosa.

Dan hu dovut għall- fatt li n-nies kienet drathom li jissejħu De la Salle College Cospicua, kif kienu qabel.

Meta flimkien mal-Arċisqof Gonzi kont tlabthom biex tibda ssir quddiesa għandhom, qabel ma nbniet il-Kappella tal-Ħawli, huma aċċettaw u damu snin twal jagħtuna l-għajuna għal din il-quddiesa.

L-istess kienu ppruvaw jagħmlu għal St. Edward's College, li kienu jsejħulu St. Edward's College Żabbar, għax kien jidħol il-Kappillan ta' Ħaż-Żabbar biex ibierek il-kulleġġ minn dak il-bieb.

Għandi pjaċir ngħid li dil-ħaġa irranġajtha jien kemm domt Arċipriet tal-Birgu. Irrid ngħid Grazzi lid-diretturi tal-Kulleġġ li mhux biss qablu miegħi li l-Kulleġġ jinsab fi-Birgu, imma bdew iġibu l-istudenti għall-films li konna nagħmlu kull nhar ta' Ħadd wara nofs inhar fis-Sala Parrokkjali. Dan serva ta' inċentiv kbir għad-dħul tas-Sala.

Mons Lawrenz Mifsud
Arċipriet Emeritus

Ġetsemani

minn Bjorn Callus

Hekk kif jasal nofs Frar, il-kliem Ġetsemani u Wirja jibdew iduru fil-kuriduri tal-każin. Bla dubju ta' xejn, il-wirja li ntellgħu ġewwa l-Palazz tas-Soċjetà hi waħda mill-ikbar li hawn f'pajjiżna u llum nistgħu ngħidu li wara l-Knisja, fejn ikun hemm il-vari tal-purċissjoni, hi l-attrazzjoni prinċipali ġewwa l-Birgu. Però, biex wasalna s'hawn, għaddew 17-il sena, fejn tul dawn is-snin rajna l-wirja dejjem tikber u tissaħħaħ. Dan żgur ma kienx ikun possibbli mingħajr l-interess kif ukoll id-dedikazzjoni tal-Kummissjoni Ġimgħa l-Kbira, li sa mill-bidu għarfet il-potenzjal li għandha din il-wirja.

Ġetsemani, kif jisimha din il-wirja, tinvolvi ħafna xogħol u sagrifiċċju, u nistgħu ngħidu li l-każin jinqaleb naqra mhux ħażin sabiex nakkomodaw din il-wirja, magħrufa għax-xeni tagħha oriġinali f'forma ta' life-size. Oriġinali għax hu fil-każin tal-Banda San Lawrenz li ssib l-Ort tal-Ġetsemani ppreżentat b'dak il-mod, li ma tirrealizzax li dħalt f'Sala u mhux fi ġnien. Oriġinali għax ma ssibx Wirja fejn il-Flaġellazzjoni ta' Kristu hi ppreżentata b'mod daqshekk reali, bi struttura ta' tempju. Oriġinali ukoll għax m'hawnx wirja oħra fejn wieħed jista' jsib id-Dħul ta' Ġesu f'Ġerusalemm bil-pubbliku li jżurna litteralment għaddej minn ġo nofsha.

U biex din il-wirja tkompli tikber, il-Kummissjoni Ġimgħa l-Kbira flimkien mal-Kumitat Ċentrali ħass il-bzonn li din is-sena terġa' ssir attività zgħira fl-okkażjoni tal-ftuħ uffiċċjali ta' din il-Wirja. Fil-fatt, din il-wirja, fil-25 ta' Marzu, lejlet il-Festa tad-Duluri, ħa tkun qed tinfetaħ uffiċċjalment f'Lejla Mużiko-Letterarja bis-sehem tal-University Junior College Ensemble, li għal darb'oħra ħa jkunu qed jesebixxu parti mir-repertorju tagħhom.

Però dawn il-festi tal-Għid ifissru ukoll żewġ servizzi importanti ħafna għall-banda, dawk tal-Ġimgħa l-Kbira u Ħadd il-Għid. Dawn iż-żewġ servizzi huma mpenjattivi ħafna għax kif żgur tafu, ikun hawn ħafna baned li jdoqqu f'Malta u mhux faċli li wieħed isib il-bandisti biex idoqq. Madanakollu, kif urejna fl-aħħar snin, grazzi għax-xogħol tad-delegati tal-Banda, il-Banda San Lawrenz fit-toroq tal-Birgu żgur kienet l-ġhira ta' bosta baned oħra, u ninsab ċert li din is-sena m'hijiex ser tkun eċċezzjoni.

Filwaqt li dawn il-festi ha jilħqu il-milja tagħhom fl-ewwel week-end t'April, fl-aħħar week-end tal-istess xahar, propju fl-24 t'April, il-Banda tagħna ħa tkun impenjata fil-Programm Annwali tagħha. Bħas-snin preċedenti, żgur li dan il-Kunċert Mużikali ħa jkun wieħed mill-aqwa u ta' livell għoli ħafna. U din is-sena tajjeb li nfakkru li dan il-kunċert ħa jkun qiegħed jsir ad unur is-surmast tagħna Mro Paul Schembri, li qiegħed jagħlaq 30 sena bħala surmast ta' din il-banda. Ghalhekk żgur li għandna sena li wieħed ħa jibqa' jiftakarha, fejn tagħlaq bil-mawra tal-Banda barra minn Malta.

Dak kien ri-assunt tal-attività li għandna f'dawn ix-xahrejn ġewwa l-każin tagħna. Ċert li tifhmu kif l-attività fil-każin tagħna hi kontinwa, anke permezz tal-parteċipazzjoni tagħkom. Mil-lat t'Attivitajiet Soċjali, l-ikla ta' Sibt il-Għid illum il-ġurnata hi tradizzjoni gewwa l-każin tagħna, fejn f'atmosfera ferriħija, fejn wieħed normalment ukoll ikun qed itemm is-sagrifiċċji tieghu ta' tul ir-randan, nibdew niċċelebraw flimkien il-Festa tal-Għid il-Kbir. Ghalhekk, minn qalbi nappellalkom sabiex tattendu u tingħaqdu magħna wara l-quddies ġewwa l-każin biex flimkien nieħdu gost u pjaċir waqt li nieklu ikla tajba.

Kif rajtu, ix-xahar bejn l-aħħar ta' Marzu u l-aħħar t'April hu impenjattiv ferm ghalina. U jekk nibqgħu sejrin u nħarsu lejn Mejju nirrealizzaw li jkun fadal xahar biss ghall-Ewwel Erbgħa tal-Patrun tagħna San Lawrenz. U prattikament ikun beda l-countdown ghall-festa. Però ejja nħarsu lejn dawn ix-xahrejn ta' quddiemna. Minn qalbi nappella lil kull Vittoriosan sabiex jipparteċipa u jibqa' jew jinżel il-Birgu f'dawn il-Festi, u ejja nħajru lill-ħbieb tagħna sabiex jiġu magħna biex jaraw kif aħna l-Ġirbin niċċelebraw il-Festi tal-Ġimgħa l-Kbira u l-Ghid. U ovvjament, nistedinkom biex niltaqgħu il-kazin waqt li tkunu qed iżżuru il-wirja. Tislijiet.

Niltaqgħu mal-Avukat

F'din il-ħarġa ta' dan il-fuljett iddeċidejt li nikteb fuq aspett li bħala avukat ikolli nħabbat wiċċi miegħu mingħajr ma nkun rrid. Minkejja li huwa aspett tax-xogħol tiegħi li rrid jew ma rridx ikolli naċċettah, però xorta jibqa' l-fatt li din il-ħaga li ser insemmi mhux talli tinkwetani, talli tagħmel pressjoni mingħajr bżonn. Qiegħed sempliċiment nirreferi ghall-fatt meta persuna tirċievi xi att ġudizzjarju jew inkella taħrika jew xi dokument ieħor mill-Qorti u ma tagħtihx l-importanza meħtiega jew inkella ddum biex tieħu azzjoni fuqu.

Meta persuna tirċievi dokument mill-Qorti, ghandha tara x'ikun dan id-dokument. Minkejja li xi kliem li jkun hemm fid-dokumenti li wieħed jirċievi mill-Qorti mhux dejjem jinftehmu minħabba li jkunu kliem legali, però wieħed jista' faċilment jieħu l-ġist tal-kontenut ta' tali dokumenti u ghal tal-anqas ikollu ħjiel ta' x'inhuma dawn id-dokumenti. M'hemmx ghalfejn ingħid li huwa importanti ħafna li wieħed jikkonsulta m'avukat ta' fiduċja tiegħu u dan sabiex ikun jista' jiggwidah fuq tali dokumenti.

Wisq probabbli hemm xi wħud minnkom li qed jaqraw dan l-artiklu li qegħdin jgħidu li dan il-kliem li qed ngħid huwa wieħed ovvju, però tiskanta li jkun hemm drabi fejn persuni li jkunu rċevew dokumenti mill-Qorti jew ma jagħtux każ tagħhom jew inkella jittraskurawhom.

Dokument li wieħed jista' jirċievi mill-Qorti jvarjaw minn kawza miftuħa kontra l-persuna sa taħrika sabiex tali persuna titla' biex tixhed f'kawża miftuħa minn xi ħadd ieħor. F'każ li persuna tiġi msejħa bħala xhud sabiex tixhed f'kawża, kull ma ghandu jagħmel tali persuna huwa li jattendi fid-data, fil-ħin u fil-post indikat sabiex ikun jista' jagħti x-xiehda tiegħu. F'każ li jkun hemm bżonn li din il-persuna tesebixxi xi dokumenti waqt ix-xiehda tiegħu, din il-persuna tkun mitluba tagħmel dan fid-dokument li tirċievi mill-Qorti.

F'każ li persuna tirċievi, per eżempju, dokument ieħor mill-Qorti, liema dokument ikun ifisser ftuħ ta' kawża kontra din il-persuna, mela allura jkun importanti li tali persuna jikkonsulta l-avukat tiegħu u dan peress illi tali persuna tkun rikjesta tagħmel it-tweġiba tagħha ghall-kawża miftuħa kontra tagħha fi żmien stabbilit. Iż-żmien stabbilit mil-liġi jibda ghaddej minn l-ghada li persuna tkun rċeviet dawn id-dokumenti. M'hinix ser insemmi hawn kemm hu dan iż-żmien stabbilit, f'liema żmien wieħed irid jippreżenta r-Risposta tiegħu ghall-kawża u dan peress illi hemm diversi żmien li japplikaw skond quddiem liema Qorti tkun miftuħa kawża partikolari.

Jista' wkoll jagħti l-każ li persuna tkun rċeviet dokumenti mill-Qorti fejn ikun ingħata żmien speċifiku mill-Qorti biex iwieġeb, bħal, per eżempju, erbgħa u ghoxrin siegħa, ħamest ijiem eċċ. F'każ li persuna ma tweġibx fiż-żmien stabbilit, il-Qorti, wara li tkun rat li naqas milli jwieġeb fiż-żmien lilu mogħti, tista' tgħaddi biex tiddeċiedi t-talbiet ta' min ikun ippreżenta d-dokumenti. M'hemmx ghalfejn ngħid li f'każ li persuna tkun ghadha ma ġietx notifikata, ċioé ma tkunx ghadha rċeviet id-dokumenti mill-Qorti, iż-żmien mogħti lilha biex twieġeb ma jibdiex ghaddej.

Huwa importanti ħafna li meta persuna tirċievi kwalunkwe dokument mill-Qorti li tieħu interess dan x'ikun u li tieħdu mal-ewwel ghand l-avukat tal-fiduċja tagħha sabiex ikun jista' jiggwidah dwar x'ghandu jagħmel.

Av. Neville Camilleri
B.A., LL.D., M.A. (Fin. Serv)., Adv. Trib. Eccl. Melit

Inkomplu Naħdmu għall-Ġid tal-Banda

minn Simon Farrugia – Delegat Banda

Ninsabu resqin lejn il-ġranet tal-Ġimgħa Mqaddsa fejn għas-Soċjeta' tagħna dan huwa żmien ta' ħafna xogħol u impenn. Minbarra s-servizzi li l-Banda tagħna għanda fil-Ġimgħa l-Kbira u f'Ħadd il-Għid, il-Wirja Ġetsemani tieħu parti kbira mir-riżorsi umani li jeżistu. Dlonk jgħaddu dawn il-festi u nsibu ma wiċċna l-Programm Annwali li diġa bdew il-preparamenti għalih . Fil-fatt din is-sena dan il-Programm ser jiċċelebra t-tletin anniversarju minn meta s-Surmast maħbub tagħna Paul Schembri ħa t-tmexxija tal-Banda f'idejħ wara l-mewt tas-Surmast Hector Dalli. Is-Surmast Schembri jibqa mnizzel fl-istorja glorjuża tal-Banda tagħna għal ħafna raġunijiet. Is-suċċess kbir miksub f'diversi programmi f'tejatri, knejjes, pjazez u aktar, il-komposizzjonijiet kbar li kiteb u għadu jikteb kif ukoll li sar ukoll l-aktar Surmast li dam fit-tmexxija tal-Banda Vittoriosana San Lawrenz. Fil-fatt la qed nitkellmu dwar komposizzjonijiet, għal din l-okkażjoni s-Surmast Schembri ser jirregala Grande Marcia bl-isem '30th Anniversary' li ser tiżżanżan f'dan il-Kunċert. Intant il-mużika li ser tindaqq f'dan il-Kunċert li ser isir is-Sibt 24 t'April, 2010 huwa dan:-

Overture	**Die Fliedermaus**	**J.Strauss**
Sinfonia	**Centenaria**	**P.Schembri**
Grande Marcia	**30th Anniversary**	**P.Schembri**
Musical	**Fiddler on the Roof**	**J.Bock**
Film	**La Vita e Bella**	**N.Piovani**
Theme	**What a Wonderful World**	**L.Pusceddu**
Fantasia	**Mister Modugno**	**Arr. Stevan**
Song	**Mambo No. 5**	**D.Perez Prado**
Theme	**Can't buy me love**	**Lennon/ Mc Cartney**

Pero' bħalissa għaddejjin preparamenti kontinwi dwar il-mawra tal-Banda Belġjana li din ser tagħmel fil-Belt tagħna bħala parti mill-Festa ta'San Lawrenz 2010 u dik tal-Banda tagħna fil-Belġju fejn bejn il-11 u 18 ta' Diċembru, 2010 għar-raba darba fl-istorja l-Banda ewlenija tal-Birgu ser tmur barra minn xtutna fejn ser tesegwixxi diversi programmi mużikali. Hawn inħeġġu lill-partitarji tal-Banda sabiex jingħaqdu magħna f'dan l-avveniment hekk sabiħ. F'din il-paġna ssibu l-Programm propost ta din iż-żjara li ovvjament jista jkun suġġett għal xi tibdil żgħir. Fil-fatt fil-21 u 22 ta' Frar delegazzjoni mill-Kumitat tagħna laqgħet f'pajjiżna delegazzjoni Belġjana fejn saru diversi laqgħat sabiex jiġi finalizzat il-Programm. Nisperaw li kemm iż-żjara tagħhom kif ukoll dik tagħna jiksbu s-suċċess mixtieq.

Finalment minn qalbi nawgura l-Għid it-Tajjeb lil kulħadd.

Programm tal-Mawra

Is-Sibt 11 sas-Sibt 18 ta' Diċembru, 2010

11 ta' Diċembru – Tluq minn Malta lejn Brussell bl-Airmalta KM 0394 fis-2 pm fejn naslu hemm għall-ħabta ta' 7 ta' filgħaxija u transfer lejn il-Hotel Mercure Louvain-la-Nueve.

12 ta' Diċembru – Wara l-kolazzjon filgħodu ħin liberu. Wara nofs in-nhar il-Banda Vittoriosana San Lawrenz tagħti kunċert fis-Sala Ceroux-Mousty. Filgħaxija ikla ta'merħba fejn ikun hemm speċjalitajiet Belġjani fuq il-menu.

13 ta' Diċembru – Wara l-kolazzjon ġurnata eskurzjoni għal CHIMAY fejn hemmhekk inżuru ic-Chateau du Chimay kif ukoll birrerija lokali.
Filgħaxija ħin liberu.

14 ta' Diċembru – Ġurnata free fejn hemm il-possibiltà li wieħed iżur Gent, Bruges jew Antwerp, kollha bliet Belġjani mhux daqstant il-bogħod. Filgħaxija marċ mill-Banda Vittoriosana San Lawrenz fiċ-ċentru ta' Louvain- la-Nueve.

15 ta' Diċembru – Wara l-kolazzjon tour ta' Louvain-la-Neuve li jinkludi Musee Herge (mużew tal-komics u kartoons), il-villaġġ tal-Milied u l-Esplanade Shopping Mall. Filgħaxija ħin liberu.

16 ta' Diċembru – Wara l-kolazzjon tour ta' Namur/Nivelles li jinkludi fost oħrajn iċ-ċentru tal-lokali kif ukoll Christmas Market. Filgħaxija kunċert mill-Banda Vittoriosana San Lawrenz fejn il-post għad irid jiġi konfermat.

17 ta' Diċembru – Wara l-kolazzjon immorru Brussell fejn hemmhekk inżuru l-Grand Place, Christmas Market, Mużew tal-Istrumenti Mużikali, il-Palazz Irjali kif ukoll l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropeja. Filgħaxija riservat għall-ħin liberu.

18 ta' Diċembru – Breakfast tradizzjonali tal-Milied fil-Farmhouse Ottignies. Wara nofsinnhar liberu fejn imbagħad transfer għal Ajruport fejn naqbdu t-titjira tal-Air Malta KM 0395 li titlaq fit-8.10 pm u naslu Malta għall-ħabta tal-11 ta' filgħaxija.

Prezz: €698 **li jinkludi l-ajru, taxxi, transfers, eskursjonijiet, trasport u akkomodazzjoni fuq bazi half board.**

Peppi Gellel – *L-akbar Anzjan Malti – George Cilia*

Min ma jafx lil Peppi Gellel, ħajjat prim fil-Birgu mis-sena 1933 sa ma rtira bil-pensjoni fl-1964? Malta kollha saret taf fuq ħajtu meta fi programm fuq l-istazzjon Nazzjonali Malti għoġbu jwieġeb mistoqsijiet li sarulu mill-preżentatur tal-programm. Din l-interviżta saret it-Tnejn 28 ta' Dicembru fit-8.30pm. L-interviżta ta' siegħa u għoxrin minuta hija ta' nteress għal kulħadd għax hija eżempju tal-ħajja maltija tal-imgħoddi, kif għixu missirijietna bid-drawwiet kollha ta' dawk iż-żminijiet, seklu sħiħ li tgerbeb mal-oħrajn bit-tajjeb u l-ħażin ta' ġrajjiet.

Giuseppi Gellel, magħruf bħala Peppi, twieled il-Birgu fil-21 t'Awwissu 1905. Huwa kien il-ħames wild minn sitta ta' Mikiel Gellel u Lorenza nee' Spiteri, it-tnejn mill-Birgu. Ta' tlettax il-sena tilef il-missieru u kellu jsib xogħol biex jgħin lill-familja. Huwa beda jaħdem fit-tankijiet ta' B'Bugia fejn dam sentejn jagħmel xogħol fil-forġa, b'paga ta' żewg xelini kuljum. Wara mar jaħdem għal xi żmien il-Marsa f'xogħol simili, b'paga inqas ta' xelin kuljum. Meta kellu dsatax il-sena tħajjar jitgħallem is-sena ta' ħajjat u kien lavrant ma' Fredu Bezzina li kellu ħanut il-pjazza ħdejn it-torri tal-arloġġ. Wara li tgħallem is-sengħa, fetaħ għal rasu fejn sar magħruf bħala ħajjat prim. Fl-1933 iżżewweġ lil Rosina Bezzina, bint Fredu Bezzina. Kellhom sitt itfal, erbgħa bniet u żewġ subien. Huwa nannu ta' ħamsa u bużnannu ta' tnax.

Ħajja iebsa

Il-ħajja f'dawn iż-żminijiet kienet iebsa, kull fejn tmur bil-mixi jew bil-lanċa li twasslek sal-belt filwaqt il-lift tad-dwana jtellgħek fiċ-ċentru. Peppi jinsisti li l-lanċa u l-lift għandhom jerġgħu jibdew jaħdmu għax kienu komdi għall-fqir u s-sinjur, b'sitt ħabbiet kont tasal il-Belt. Ilhom jgħidu li ser jerġgħu jaħdmu mill-Birgu għall-Isla, il-Belt u tas-Sliema. Bdew xi karozzi tal-linja, anke it-tabib kellu karozza privata tiegħu. Missier il-mara qatt ma ried tabib, mhux waħdu, għax jiġi bil-karozza u probabilment ħadd ma kien irid juri għomtu. Illum kulħadd sejjer għall-mediċini b'xejn mill-ispiżerija tal-Gvern. Id-dawl ma kienx jeżisti la barra u lanqas ġewwa. Il-familji kienu jinqdew bil-lampi tal-pitrolju, jsajjru fuq spiritieri tal-pitrolju sakemm ġie ntrodott il-gas l-ewwel fil-Belt imbgħad fil-Birgu. Il-knisja ta' San Lawrenz kienet l-ewwel ma' nxtegħlet bil-lampi tal-gas. Ftit snin wara daħal id-dawl elettriku, divertiment ma kien hawn xejn, ħlief dak il-ħanut bid-daqq u żfin ġo Strada Reale fil-Belt, b'dana kollu il-ħajja kienet trankwilla għal kollox.

L-għerusija u żwieg kienu żmien ta' ħajja feliċi, passiġġati mid-dar sal-knisja u viċi-versa, ġieli nimxu sal-kapuċċini tal-Kalkara, u mat-tmienja ħin l-irqad. It-tieġ sar bil-quddiesa ta' filgħodu, wara ikla f'San Pawl il-Baħar mal-familja, nies oħra ġew mistiedna id-dar għat-tliet ijiem ta' wara fid-dar ta' Strada Brittanica. Sibt mara m'hawnx bħala, la kien hawn u anqas ikun hawn, ilha mejta 21 sena.

Iż-żewġ Gwerer Dinjija

Il-ġrajja tal-ewwel gwerra fl-Ewropa tal-1914-1918, Peppi jiftakar sewwa il-biża' li kien hawn f'pajjiżna, il-blackout, ration u l-ħobż tan-Navy Ingliża li kien jitqassam mill-baħrin, iżda ħsarat ma kienx hawn. Fl-irvellijiet tas-7 ta' Ġunju 1919, Peppi nzerta l-Belt u ra b'għajnejh siġġijiet niżlin mill-gallerija u dimostranti oħra jwaddbu is-soldi. It-tieni gwerra dinjija tal-1939-1945 kienet l-aktar krudila, il-Birgu ġie evakwat, ibbumbardjat, numru ta' persuni ntradmu, isemmi 34 meta ntlaqtet is-sagristija tal-knisja ta' San Lawrenz. Il-ħanut tal-ħjata ingħalaq, baqa' bla xoghol għal-erbgħa snin, refuġjat ġol-Munxar Għawdex. Darba minnhom meta kien qed jaqsam lejn Malta fuq il-vapur ta' Għawdex, mimli suldati, ajruplan tal-għadu resaq lejhom u spara l-machine gun għal fuqhom, u raġel wieħed intlaqat. F'din il-gwerra kollox għola bid-doppju.

Il-knisja ta' San Lawrenz

Fil-Milied il-festi kienu jsiru fid-djar u l-knisja. Ma kienx hemm dawn id-dwal kollha mxerrdin kullimkien u n-negozji jibdew sa minn xahar qabel jirreklamaw. Il-Kolleġġjata Lawrenzjana kienet tiċċelebra l-lejla tal-Milied b'sollenità

mill-aqwa b'ċerti privileġġi, illum spiċċaw. L-ikla ta' nofsinhar kienet tikkonsisti f'tiġieġ u mqarrun il-forn, illum dan il-menu sar haġa ta' kuljum. Ir-rigali jingħataw fl-istrina, flus mhux ġugarelli, forsi kont tirċievi xi xelin.

Ħafna opri artistiċi inqerdu fil-gwerra, dawn riedu jsiru mill-ġdid, opri li setgħu jiġu restawrati ridna l-flus għalihom biex salvajnihom. L-isbaħ ġurnata ta' ħajtU tkun dejjem dik ta' nhar il-jum tal-martirju ta' Djaknu Lorenzu, u anke l-funzjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira. Peppi huwa fratell fil-Fratellanza tal-Kurċifiss, membru fil-Każin tal-Banda San Lawrenz u fis-Soċjeta' Storika u Kulturali tal-Birgu.

Il-ħajja twila

Is-sigriet ta' ħajja twila hija x-xogħol bla ebda interess lejn il-knisja, alkoħol u sigaretti qatt ma għoġbuni. Ħafna frott m'għadux jeżisti, kien hemm iż-żinżli u t-tamal bir-ratal, jien kont niekol kollox. Ommi kienet issajjar il-brodu bl-għaġin tal-imgħarfa, borma ħaxix tiswa żewġ soldi. Xi uħud isaqsuni jekk din l-età ta' 104 snin hijiex xi żball, jien ngħidilhom ili pensjonant għal dawn l-aħħar erbgħin sena, unur kbir għalija u l-Maltin.

Id-dar li noqgħod fiha kienet il-Berġa tal-Kavallieri tal-Portugall, xtrajt il-post wara l-gwerra, sewwejna l-ħsarat li kien hemm u żidna l-kamra tal-banju. Aħna familja maqgħuda, nhar ta' Ħadd niltaqgħu mat-tfal b'uliedhom kollha hawnhekk. Jien ninsisti li nibqgħu hekk anke wara mewti. Id-delizzji tiegħi huma l-kappella f'kamra żgħira u l-għasafar f'kamra ohra fuq il-bejt. Is-safar jgħoġobni, l-ewwel safra kienet fl-1950, "Anno Santo", pellegrinaġġ organizzat mill-Arċisqof Gonzi lejn Ruma, safra oħra kienet lejn Trieste. Għadni nsegwi l-aħbarijiet fuq it-tliet stazzjonijiet lokali, ivvutajt f'għoxrin elezzjoni sal-aħħar waħda tal-2008. Naqra ħafna kotba fosthom tat-talb.

Konklużjoni

Lil Peppi Gellel jien ili nafu sa minn meta iżżewweġ fl-1933, kienu ġew joqgħodu quddiemna Strada Brittanica fid-dar tagħmel parti mill-blokk tat-Torri tal-Arloġġ, wara l-gwerra kellha tinħatt, flimkien mat-Torri milqut bil-bombi, biex il-pjazza twesset kif inhi llum. Id-dar tagħna (id-dar tal-Kurċifiss) ġiet esproprijata mill-Gvern u issa saret blokk appartamenti Governattivi.

Jien tifel ta' ftit snin nistgħaġeb nara lil Peppi jtajjar il-ħamiem tiegħu minn fuq il-bejt għal fuq il-bejt tagħna, jkompli jtir għal fuq il-faċċata tat-Torri tal-Arloġġ filwaqt li l-qniepen li jħabbru t-tokki tal-ħin idoqqu. Din ix-xena mal-bidu tal-gwerra ntilfet għal kollox. Prosit Pepp bħal mal-preżentatur onorak b'tifħir u ringrazzjamenti, hekk jien ukoll nawguralek għomor twil, j'Alla ikollna rġiel bħalek f'pajjiżna. Jien però baqgħali tifkira tiegħek, il-libsa tad-dragonar li ħejjejtli għat-tieġ. Int xempju ħaj tal-grazzja u il-glorja t'Alla fil-ħajja tal-bnedmin.



Easter Buffet Breakfast
wara l-funzjoni tal-Knisja
nhar is-Sibt 3 t'April, 2010.
Prezz € 8. Biljetti mill-Bar tal-Każin

Kunċert Annwali
mill-Banda Vittoriosana San Lawrenz
nhar is-Sibt 24 t'April, 2010
fil-Caraffa Exhibition Halls,
Vittoriosa Waterfront fis-730pm.

Kulħadd huwa mistieden. Dħul b'xejn

riċetta

Fenek bl-inċova, lumi u kappar

Ingredjenti:
Fenek imqatta' biċċiet
50 ml Krema Friska
15 gr Kappar
30 gr Tursin
15 gr Inċova
150 gr Zunnarija
10 gr Klin frisk
150 gr Qarabagħli
200 ml Inbid Abjad
100 gr Tadam żgħir
10 gr Mustarda
350 ml Stokk tat-tiġieġ
15 gr żebbuġ
100ml ħall (cider)
150 gr Basal żgħir
25 ml żejt taż-żebbuġa
2 Sinniet Tewm
50 gr Butir
Melħ u Bżar abjad
Werqa Randa
4 Patatiet
5 gr Noċimuskata
2 Lumijiet

Metodu:
1. Ħawwar il-fenek bil-melħ u bżar.
2. F'taġen b'qiegħ fond sajjar kemm kemm il-fenek minn kull naħa, sakemm jieħu kulur dehbi.
3. żid 10 ml żejt taż-żebbuġa u 10 gr butir, il-basla mqatta', noċimuskata u t-tewm.
4. Sajjar fuq nar baxx għal 15-il minuta.
5. żid il-werqa randa, kappar, inċova mqatta', mustarda, ħall tas-cider u l-inbid abjad.
6. Ħalli fuq in-nar sakemm il-likwidu jonqos bin-nofs.
7. żid l-istokk tat-tiġieġ, il-qoxra maħkuka tal-lumi u sajjar dejjem fuq nar baxx għal nofs siegħa.
8. Meta jkun kważi lest, żid il-klin imqatta', meraq tal-lumi u ż-żebbuġ.
9. Neħħi minn fuq in-nar u ħawwad 10 gr butir fih.
10. Għatti t-taġen u ħalli kollox jistrieħ għal madwar kwarta.
11. Għall-patata, aħsilha u qaxxarha u għalli f'misħun sakemm din issir.
12. Għaffeġ il-patata, żid it-tewm, krema, tursin imqatta' u l-basla imqatta'.
13. Għat-tadam u l-qarabagħli, aħsilhom u ixwihom
14. Fuq platt, irranġa l-patata maxx, poġġi l-ħaxix mixwi fuq il-patata maxx u wara l-fenek.
15. Itfa' ftit mill-meraq li tkun sajjart il-fenek fih.

Kont Taf?

- Meta tkun se ttella' keffa ta' libsa jew qalżiet, minflok ma żżomm id-drapp bil-labar tar-ras, uża l-clips tax-xagħar biex id-drapp jinżamm f'postu aħjar u ma jkunx hemm it-toqob li jistgħu jħallu warajhom il-labar tar-ras.
- Jekk il-butir ma jkunx jista' jiddellek għax ikun iebes, itfa' ftit qtar tal-misħun jagħli u ħawwad il-butir biex ikompli jirtab u hekk tista' ddellek il-butir bla tbatija.
- Meta taħsel il-kutri tas-suf, mal-aħħar tlaħliħa itfa' ftit qtar taż-żejt taż-żebbuġa mal-ilma u b'hekk iżżomm il-kutri rotob.
- Biex il-pastarda tibqagħlek bajda waqt li tkun qed issir, itfa' daqs żewġ imgħaref ħalib mal-misħun.
- Biex il-gallettini u l-karawett jerġgħu jiġu f'tagħhom jekk ikunu rtabu, daħħalhom għal ftit minuti fil-forn bi shana moderata.
- Biex tqatta' ħobż frisk, tqattgħu aħjar b'sikkina taħraq.
- Waqt li tkun qed issajjar ir-ross, itfagħlu ftit qtar tal-lumi, ħalli jibqa' abjad u fl-istess ħin ma jeħilx ma' xulxin.
- Biex l-istuffat jiġik magħqud, jew tgħaffeġ ftit patata li jkollok fl-istuffat inkella jekk ikun baqagħlek patata maxx mill-jum ta' qabel ħallatha mal-meraq u jaqgħad tajjeb.

IL-ĦADIDA TAL-MOGĦDIJA

1. Il-ħadida tal-mogħdija li giet ivventata fl-1915, għamlet l-mogħdija iktar faċli. Ibża' ħafna għall-ħadida biex ittawlilha ħajjitha.
2. Qabel tibda tużaha aqra l-istruzzjonijiet li jkollok.
3. Qatt tuża l-ħadida meta l-wire beda jinstelaħ u l-plug ikollu xi parti minnu miksura. Agħmel mezz li tirranġahom inti jew tagħtihom lil min jifhem biex jirranġahom qabel ikun tard wisq.
4. Tgħaddix minn fuq il-buttuni, żippijiet u ħoloq għax jigirfu l-ħadida mill-qiegħ.
5. Erfa' l-ħadida wieqfa mhux ċatta u gerbeb il-wire (mhux issikkat ħafna) madwar il-manku.
6. Żomm il-ħadida f'kundizzjoni tajba billi togħrok regolarment b'biċċa ċarruta u ftit melħ jew niedja bi ftit ħall.
7. Jekk il-ħadida tkun tal-istim dejjem battal l-ilma qabel terfagħha. Meta l-ħadida tittabba' bi tbajja kannella, ogħrokha b'taħlita sħuna ta' ħall u melħ.
8. Jekk il-lamtu jħalli xi tbajja' fuq il-ħadida, ogħrokha b'biċċa sapuna waqt li l-ħadida tkun sħuna (mhux ikkumnikata mal-elettriku). Illustraha b'biċċa nadifa.
9. Biex tagħmel il-ħadida tiżloq, ogħrokha bi ftit bicarbonate of soda. Applikah xott inkella b'biċċa niedja sakemm tindaf.



Wiċċ Imb'wiċċ ma' Edgar D'Agostino

minn Paul Micallef

Lil Edgar dejjem kont nafu bħala dak ir-raġel kwiet "minn tagħna", dejjem il-Każin tal-Banda, flimkien ma' Giovann Raggio jgħajtulu meta jkun hemm xi problema marbuta mal-elettriku u d-dinja tiegħu kienet mill-każin u l- knisja għad-dar tiegħu taħt id-dell tal-ħajt enormi tal-bini tal-bakery (illum il-Mużew Marittimu) li l-Ingliżi fettlilhom jibnuh hemm biex ftit jew ħafna itellfu l-veduta tal-faċċata majestuża tal-parroċċa tagħna. Għal xi żmien Edgar kien għosfor minn din il-ħajja trankwilla ta' filgħodu fil-pjazza ta' Beltna. Kont smajt li qiegħed fid-djar tal-anzjani u għalhekk ġieli kont narah f'xi okkażjoni speċjali biss, naturalment bħal festa, l-Għid, il-Ġimgħa l-Kbira eċċ. Minħabba l-età u minħabba s-saħħa l-inżul tiegħu lejn il-Birgu beda kull ma jmur jonqos u għalhekk billi l-għażla tat-tielet persunaġġ ta' din l-intervista waqgħet fuqu bħal Mawmettu u l-muntajna jekk Edgar mhux se jiġi l-Birgu ikolli mmur jien.

Wara li ftehmna ħin biex ma nfixklux mill-fatra ta' kuljum sibtu bil-mod kwiet tiegħu jistennini fuq pultura fir-reception area spazjuża u nadifa tad-Dar Kbira impinġija roża li tiddomina ix-Xgħajra ta' Bormla eżatt fuq il-famuż "rest" li qabel kien il-Każin tas-St. George's u llum jilqa' l-uffiċċini tal-Kunsill Lokali.

Għalkemm Edgar jibqa' Edgar jidher li r-radda taż-żmien bħal kulhadd qed tagħmel bih u kif saħaq kemm il-darba hu waqt id-diskursata tagħna, l-età qed tiekol mhux biss saħħtu iżda ukoll il-memorja. Però bi ftit sforz irnexxielna nisiltu din l-intervista.

Tfulija

Bħas-soltu nibda mill-ibgħad tifkiriet. Qalli li twieled fis-16 t' Ottubru 1922 f'Ħaż-Żabbar fejn missieru kien mill-Isla fil-waqt li ommu mill-Birgu u bħall-familji ta' dak iż-żmien fejn it-televiżjoni kien għadu 'il bogħod, kollha kienu mimlija tfal u hu kellu sebat'aħwa. Meta staqsejtu dwar ismu qalli li hu msemmi għal zijuh Edgar li skont kif jirrakuntawlu kien għadu tabib żagħżugħ li darba fost l-oħrajn kien mar il-festa ta' San Ġużepp ir-Rabat u bir-riħ ħarablu l-kappell u billi kien il-ksieħ ħa ċmajra u riħ papali u baqa' sejjer lura sakemm miet.

Hu qalli li hu bi żbrixx bħal uħud minn ħutu ma spiċċax fl-art imwegħda ta' dak iż-żmien, fl-Amerika, iżda ommu ma riditx titbiegħed minn art twelidha minħabba ħuha u għalhekk kienu krew f'Ħaż-Żabbar.

Dwar iż-żogħżija bikrija tiegħu qajla jiftakar però meta tfarfar bħal ħafna żgħażagħ tal-Kottonera u anke bħal missieru hu daħal it-Tarzna bħala apprendist u wara sar Engine Fitter u meta imbagħad bdiet riesqa l-gwerra, it-tarzna kellha tieħu rwol differenti u lilu tefgħuh fil-Gunnery and Torpedo Section. Fl-1944 kien imbagħad fis-Submarine Section.

Festa tal-imgħoddi

Ħalli għalija, id-diskors ridt indawwru għal kif kienet tiġi ċċelebrata l-festa ta' San Lawrenz ta' dak iż-żmien. Qalli li għalkemm ma kienx xi wieħed midħla sew però jiftakar kif kienet tkun armata l-pjazza bi 17 il-qaddis, 14 il-kolonna bil-pilandri, 11 il-trufej u kienu jagħmlu l-palm mal-antarjoli.

Jiftakar li fil-festa speċjalment fl-Antiviġilja meta tkun tiela' l-istatwa fuq il-kolonna kien ikun hemm ħafna gassijiet u jiftakar ukoll meta kienu jisparaw il-maskli.

Komplejt nagħfas lil Edgar sabiex ikompli jħaffer fil-garigori ta' moħħu u kompla li jiftakar li r-rotta tal-proċessjoni kienet bil-kontra (din niftakarha anki jien) jiġifieri San Lawrenz jitla' it-telgħa tal-Lunzjata u mhux jinżel però dak iż-żmien meta San Lawrenz kien jasal ħdejn il-monasteru ta' Santa Skolastika flok idur għall-pjazza kien jidhol mit-triq, jgħaddi mill-pjazzetta (illum sforz dak li jissejjaħ l-iżvilupp għebet) u kienet tgħaddi minn Triq San Lawrenz għall-Knisja, jiġifieri ma kinitx terġa' tgħaddi mill-pjazza.

L-għada tal-festa.

'L-appetito vien mangiando' jgħid il-qawl taljan u hekk hu Edgar issa beda jimraħ sew fit-tifkiriet imlewwna tal-festa tal-patrun ta' dari. Spjegali kif żviluppat it-tradizzjoni unika f'Malta tal-marċ tal-għada tal-festa li llum ħafna postijiet qed jittantaw jitħajru li jagħmluh. Qalli li dak iż-żmien id-dilettanti, l-għada tal-festa kienu jniżżlu lill-istatwa minn fuq il-kolonna u kienu jħalluha fit-trejqa ta' biswitha sakemm iżarmaw il-kolonna u jpoġġuha fil-maħżen tistrieħ għas-sena ta' wara. Kien jiġri li ċorma tfal kienu jinġabru madwar l-istatwa simpatika ta' San Lawrenz jagħti d-dawl lill-għomja hekk kif kienet titniżżel mil-Lunzjata sakemm tintrefa' fl-Oratorju, ikantaw u jsaffru il-wisq popolari marċ ta' Ġużeppi Frendo. Ġara li xi erba' bandisti tal-post ħadu d-drawwa li hekk kif l-istatwa tasal quddiem il-każin, b'mod spontanju u imprevist mill-parapett tal-każin, kienu jdoqqulhom il-marċ u l-innu ta' Galea. Din l-użanza indrat sew u bdiet tkun mistennija minn sena għall-ohra. Wara xi ftit snin issir dan ir-ritwal, l-affarijiet bdew isiru iktar organizzati u għalhekk ġie deċiż li l-għada tal-festa fejn f'lokalitajiet oħrajn kienu iktar moħħhom biex jitbaħbħu fix-xalata tal-festa, fil-Birgu konna irridu inkunu differenti u forsi anke minħabba ż-żarmar konna nippreferu noqgħodu l-Birgu u ngħasru l-aħħar taqtir tal-festa billi anke niċċelebraw ukoll l-gheluq tagħha fil-11 t' Awwissu permezz tal-inżul tal-istatwa bil-marċ.

Edgar, it-tieni mil-lemin quddiem il-banda

Tifkiriet Oħra

Edgar għamel kuraġġ u kompla jiftakar u qalli li hu kien jiffrekwenta sew l-Oratorju tal-Kurċifiss immexxi mill-Fratellanza. B'sorpriża għalija qalli li dak iż-żmien dan l-Oratorju anke saħansitra kellu s-sagristan tiegħu u jiftakar li l-proċessjoni tad-Duluri kienet toħroġ minn hemm. Dan minbarra li dak iż-żmien fil-parroċċa kien hemm żewġ sagristani u assistent sagristan. Għadu jiftakar lil ċertu wieħed Ċensu Lanzon li kienu jsibuh bħala "l-matches".

Jiftakar li dak iż-żmien kienu jsiru proċessjonijiet ta' San Ġużepp (li bit- tqanżiegħ għada issir sal-lum) kif ukoll tas-Salib (li nqatgħet) fejn fiha kienet toħroġ ukoll l-istatwa ta' Santu Rokku li jaħseb li għandha x'taqsam ma' xi wegħda marbuta mal-pesta. Fil-fatt hu qalli li hu qatt ma refa' xi statwa la f'San Lawrenz u lanqas fil-Ġimgħa l-Kbira ħlief darba meta kien żagħżugħ fejn kien refa' fis-salib.

ikompli f'paġna 13

L-Isbaħ Żmien tas-Sena

jikteb Noel Castillo

L-ewwel nett, niskuża ruħi mal-Bord Editorjali ta' din in-Newsletter ta' kemm 'il darba jistednuni biex nagħti l-kontribut tiegħi u minħabba impenji oħra ma jirnexxiliex nagħmel dan.

Iżda għal din il-ħarġa, ma stajtx ngħid le għax dan iż-żmien tas-sena huwa tant għal qalbi. Forsi ħafna minn dawk li jafuni, ftit jafu li l-imħabba tiegħi għall-festa ta' San Lawrenz ma tafx il-bidu tagħha b'rabta mal-festa, imma propju mal-ġranet sbieħ tal-Ġimgħa l-Kbira. Ikolli nistqarr illi dan iż-żmien sa minn dejjem u hekk għadu - l-isbaħ żmien tas-sena għalija.

Sa minn qabel m'għamilt l-ewwel tqarbina, il-logħob tiegħi kien biss bil-vari tal-Ġimgħa l-Kbira u dan mhux biss f'dawn iż-żminijiet, imma kważi s-sena kollha. Niftakar meta kien tani sett ta' vari Pawlu Micallef meta kien għad kelli biss 5 snin u għalija kont qisni qlajt l-isbaħ PSP biex nxebbah ma' dak li huma mdorrijin bih it-tfal ta' żminijietna. Bħala rigal tal-ewwel tqarbina, kont mort mal-ġenituri għand Cordina tal-Belt u xtrajna sett ieħor ta' vari li għadni nżommu b'għożża sal-lum (għalkemm ma tantx jinsab fi stat daqstant tajjeb).

Malli jibda r-Randan, kont nibda narma vara wara l-oħra, skond it-tradizzjoni li hemm fl-irħula, li hi ħasra li qatt ma daħlet f'Beltna. Aktar ma joqrob Ħadd il-Palm, aktar kont inżid l-armar tiegħi b'diversi xemgħat speċjalment, li mhux l-ewwel darba li kont ser nagħmel storja sħiha għax ninsihom mixgħula bil-lejl.

Meta morna noqogħdu l-Kalkara, skoprejt post taħt it-taraġ u hemm bdejt narma dawn il-vari ġo forma ta' knisja bl-arkati miżbugħa suwed… ovvjament xejn ornamenti għax b'kull ma kont niddobba kont narma, imma għalija dik kienet il-Ġimgħa l-Kbira tiegħi. Karmenu s-Sagristan u Salvu l-Ħampi kienu jagħtuni xi ftit inċens u kont nixgħelu quddiem il-vari tiegħi. Darba minnhom f'Ħamis ix-Xirka filgħodu tant skirt bl-entużjażmu li d-dar ġibtha qisha l-infern bid-daħna tal-inċens li għamilt… U ħallini hemm, mitluf indoqq il-cassettes tal-marċi funebri u b'għajnejja mixgħula bl-entużjażmu għax waslet il-Ġimgħa l-Kbira.

Aktar 'il quddiem, xtrajt ukoll il-fuħħar u bdejt narma wkoll mejda tal-appostli fil-garage tad-dar. U hawn l-għeżież ħbieb tiegħi għamluli praspura li għadna nsemmuha sal-lum. Qatt ma kelli l-intenzjoni li din il-wirja tiegħi tkun għall-pubbliku imma bħala ċajta (li jista' jkun kienet xi ftit goffa għal dak iż-żmien), Pawlu Micallef u Simon Farrugia għoġobhom jagħmlu posters ta' din il-wirja tiegħi u jqassmuhom fil-ħwienet u anke jwaħħluhom f'diversi postijiet. Missieri kienet ser ittih rasu u ried joqtolni għax ħaseb li dan kollu kont għamiltu jien… Insomma llum nidħak meta niftakar, imma dakinhar ma dħaktx ta', għax għandi xorti salvajthom il-vari mir-rabja ta' missieri.

Forsi ftit jafu wkoll, li din iċ-ċajta kienet li tat il-bidu għall-wirja unika li llum għandna fil-Każin tagħna. Wara l-Ġimgħa l-Kbira ta' dik is-sena, Simon ħajjarni biex nippruvaw li dak li kont nagħmel jien fiċ-ċokon, inkabbruh u ntellgħu wirja fis-Sala tal-Każin. Ovvjament, jien ilqajt din it-talba bil-ferħ, għax hemm xtaqt nasal xi darba, li jkolli wirja bħal ħaddieħor. U hekk sar, għax is-sena ta' wara kellna l-ewwel wirja fil-Każin tal-Banda. Bħal kull ħaġa li tinbet il-Birgu, l-inkwiet ma naqasx dakinhar. Sa dak iż-żmien, l-uniku wirja fil-Birgu kienet dik li kienet issir mill-Azzjoni Kattolika fl-Oratorju tal-Kurċifiss u kien hemm min ħass li ma kienx hemm post għal wirja oħra. Kos kemm jinbidel iż-żmien hux ... u llum hawn wirja f'kull kantuniera ta' Beltna. Nħossni kburi b'dan, għax nemmen li l-Każin tal-Palma kien il-pijunier għal dak li għandna llum.

Ta' min jgħid, li f'dawn iż-żminijiet, jien kont ukoll niġbor kull biċċa avviż u kull gazzetta li tgħid xi ħaġa fuq il-Ġimgħa l-Kbira sa minn meta jibda r-Randan. Minn dawn kont ngħaqqad speċi ta' direttorju biex fil-ġimgħa tal-Ġimgħa l-Kbira żgur li ma nitlef xejn minn dak li jkun qed isir f'Malta u Għawdex. U malli jasal Jum id-Duluri, erħielna daqqa bil-karozza ta' Pawlu Micallef u daqqa b' ta' Simon Farrugia induru minn post għall-ieħor bil-famuż direttorju li nkun bnejt tul ir-Randan…. Dak kien żmien!!

L-ideja tad-djarju tiegħi ukoll nibtet għax konġunt mal-ewwel Wirja tal-Każin tagħna, ppublikajna djarju tal-wirjiet tal-Ġimgħa l-Kbira. Dan bqajna nagħmluh kull sena u llum tant snin wara nħossni kburi li dan għadu jsir mill-istess stamperija fejn konna nistampaw id-djarju tagħna… Iva għal darb' oħra… Il-Każin tal-Palma reġa' kien il-Pijunier biex illum id-dilettanti Maltin għandhom dan id-Direttorju Nazzjonali.

Hemm ħafna u ħafna xi ngħid u min jafni jaf li jekk nisker fid-diskors ma nieqafx aktar u aktar fuq dan issuġġett. Fl-istess żminijiet li bdejna l-wirja tagħna, l-Kumpanija Talent Żebbuġi tat bidu għal novità f'dan il-ġeneru tal-Ġimgħa Mqaddsa. Rajna l-ewwel statwi life-size… Daqs sena jew sentejn wara tfaċċat wirja oħra life-size f'Ħaż-Żebbuġ ukoll… Iż-żewġ wirjiet kienu jittrattaw l-aħħar ċena. U hawn berren il-ħsieb tal-Ġetsemani f'moħħna. U hekk sar, għax wara Ħaż-Żebbuġ, fil-Birgu tfaċċat wirja b'differenza – Il-ġnien taż-Żebbuġ b'figura ta' Kristu li ssaħħrek. L-ideja kienet oriġinalissima… u llum nerġa' ngħid inħossni kburi li reġa' kien il-Każin tal-Birgu biex fetaħ it-triq għal għexieren ta' wirjiet life-size b'tema differenti flok dik ta' l-aħħar ċena.

Illum ż-żmien għadda u sforz ix-xogħol personali, nħossni mnikket li ma nistax aktar narma l-vari tiegħi jew inkella ngħin fil-wirja tal-Każin. Imma nħossni kburi li tal-anqas bil-fuħħar tal-wirja tiegħi twieldet il-wirja li ssir fil-kannierja tal-Knisja, bl-idea tal-wirja tal-Kalkara twieldet il-wirja tal-Każin tagħna, bil-biċċiet tal-gazzetti fid-djarju tiegħi twieled id-Direttorju Nazzjonali tal-Wirjiet u bil-ġirja sfrenata tiegħi u ta' shabi f'dawn il-ġranet, nibtet l-ideja tal-Ġetsemani li llum hija kkunsidrata bħala waħda mill-aqwa wirjiet f'Malta. M'inhix qed ngħid hekk għal xi mertu, imma nieħu gost immens li dak li bdejt flimkien m' erbgħat iħbieb, spiċċa kiber daqstant, ovvjament bissaħħa ta' ħafna oħrajn li ġew warajna wkoll.

Ma nixtieqx nagħlaq din kitbieti mingħajr ma nagħmel aċċenn fuq il-Ġimgħa l-Kbira f'Beltna. Għal snin twal ipparteċipajt bħala reffiegħ jew personaġġ fil-purċissjoni tagħna. U dan għamiltu għax apparti li din il-festa nħobbha mmens, dak kollu li jsir fil-Parroċċa lest li nissallab biex ngħin fih, avolja xi kultant dan l-aġir ġieli daħħalni f'konflitti kbar li xorta nibqa' nsostni li dejjem kienu ġenwini minn naħa tiegħi. Napprezza iva l-ħidma tal-Kumitat Organizzattiv tal-purċissjoni tagħna imma nerġa' ntenni bħalma tennejt minn dejjem li din il-ħidma biss mhux biżżejjed. Kif qatt nista' naċċetta li postijiet li qatt ma kellhom kultura tal-Ġimgħa l-Kbira spiċċaw illum telgħu fuq rasna? Kif qatt nista' naċċetta li l-purċissjoni tagħna hija l-uniku waħda f'Malta li toħroġ mill-Knisja u ma tidħolx lura fil-Knisja? Kif qatt nista' naċċetta li għandna festa daqshekk kbira, Ħadd il-Għid daqshekk popolari u l-isbaħ jum tal-Ġimgħa l-Kbira ma jattirax nies daqs postijiet oħra? Kif qatt nista' naċċetta li nisma' kummenti negattivi fil-konfront tal-purċissjoni tagħna minn dilettanti ta' dan il-ġeneru?

Nerġa' ntenni mhux qed inneħħi l-mertu tal-ħidma tal-Kumitat. Anzi nirringrazzjahom minn qalbi ta' ħidmiethom għax bis-saħħa tagħhom għadna ngawdu l-purċissjoni sallum il-ġurnata. Iżda hemm xi jsir u nittama li xi darba jsir. Daqs ħames snin ilu, kont ktibt ittra fuq bażi personali lill-Arċipriet tal-Parroċċa fejn kont tajt suġġerimenti li huma validissimi iżda għal xi raġuni dawn ma ġewx aċċettati. Kont issuġġerejt li l-purċissjoni toħroġ aktar tard għal ħabta tas-7 p.m u tidħol għall-ħabta tal-10.30 p.m. Hekk inkunu qed negħlbu l-problema li sfortunatament joħolqulna l-ġirien tagħna minhabba li jingħalaq kważi l-aċċess kollu biex in-nies jaslu l-Birgu.

Iżda mhux hekk biss… ir-rotta tal-purċissjoni issir bħal dik tal-festa u fl-aħħar il-purċissjoni tinżel minn Triq il-Mina l-Kbira, li tintefa mid-dawl elettriku kollu u tinxtegħel biss bil-fjakkoli. Immaġinaw biss… x'atmosfera dik!! Għiduli, kif tinvadina l-media lokali u kemm jirnexxielna nagħmlu arranġamenti m'operaturi turistiċi biex inniżżlu lill-klijenti tagħhom għad-dħul uniku ta' din il-purċissjoni. Biex isir dan kollu m'hemm l-ebda spejjeż u lanqas xi ħidma li ma nifilħux għaliha. Hemm biss is-sens komun li jrid jirbaħ fuq it-tradizzjoni!! Possibbli daqshekk diffiċli biex nesegwixxu xi ħaga li nafu li hi ta' ġid għal Belt tagħna f'din l-isbaħ ġurnata tas-sena??

Nagħlaq din kitbieti billi minn qalbi nawgura li dawn il-jiem jibqgħu fil-qalb tal-Vittoriosani kif minn dejjem kienu. J'Alla, jkomplu joktru l-attivitajiet f'Beltna, j'Alla nkomplu naraw aktar wirjiet għax dawn huma l-aqwa garanzija li dak li ħabbejna sa minn ċkunitna jgħaddi minn ġenerazzjoni għall-oħra.

ikompli minn paġna 11

Il-Gwerra

Minn dawn l-intervisti dejjem qed joħroġ li l-gwerra bidlet l-istil ta' ħajja u l-mod kif għexu in-nies tal-passat. Inqisha il-passaġġ minn żmien "dari" għaż-żminijiet tal-lum u għal Edgar il-gwerra ma kinitx eċċezzjoni. Hekk malli faqqgħet il-gwerra wara xi żmien fix-xelters u anke l-Kalkara il-familja iddeċidew li jmorru għall-kenn f'Ħad-Dingli għax kien iktar fiż-żgur għalkemm kif qalli l-uniku bomba li niżlet fuq Ħad-Dingli ma tantx niżlet il bogħod minn fejn kienu joqgħodu!

Traġedja u telfa

U fil-gwerra l-familja D'Agostino ġarrbet l-akbar traġedja fl-istorja tagħha. Meta anke kif jindika mill-isem D'Agostino, in-nannu ta' Edgar kien taljan u bi prekawzjoni missier Edgar kien internat jiġifieri speċi ta' house arrest mill-awtoritajiet Ingliżi fid-dar tiegħu f'Ħad-Dingli. Edgar kien għadu jaħdem it-Tarzna u mhux l-ewwel darba li anke minħabba l-iskarsezza tal-petrol ma kienx ikun hemm trasport jew xi lift kien jimxiha minn Bormla sa Ħad-Dingli!

Mela ġara li l-familja D'Agostino billi kienet marret bil-għaġla lejn Ħad-Dingli ħalliet xi affarijet warajha fosthom anke xi ġugarelli għat-tfal. Omm Edgar, Ġużeppina li kellha 41 sena flimkien mat-tifla Erminina ta' 10 snin u Joe ta' 8 snin fis-16 ta' Jannar 1942 dak inhar tal-famuż attakk fuq l-Illustrious erħitilha lejn il-Birgu sabiex tiġbor xi affarijet mid-dar u wara kulħadd jaf x'ġara fosthom li dawn it-tlieta meta semgħu l-air raid marru jistkennu taħt il-kampnar tal-knisja u spiċċaw mirdumin hemm. U hekk f'tebqa ta' għajn Edgar tilef l-ommu u ż-żewġ ħutu. Fil-fatt Edgar qalli li anke sabu l-pakkett lest fuq il-mejda sabiex jittieħed Ħad-Dingli.

Wara l-Gwerra

Wara l-gwerra sakemm reġgħet inbniet id-dar li bħal parti l-kbira tal-Birgu kienet inqerdet il-familja d'Agostino marru joqgħodu fi Triq Kappuċċini l-Kalkara sakemm fl-1955, Edgar li qatt ma żżewweġ u baqa' ġuvni flimkien ma' oħtu Edwige li mietet fl-2004 irritornaw il-Birgu f' nru 78, Triq San Lawrenz. Il-ħajja issa reġgħet lura għan-normal u Edgar għal ħafna żmien kien involut sew fil-Kumitat tal-Vittoriosa Stars Football Club però fis-sebgħinijiet minħabba kwistjoni l-Kumitat kien irriżenja en bloc u Edgar minhabba li kien jinteressa ruħu fil-ħajja soċjali tal-Birgu daħal fil-Kumitat tal-Każin tal-Banda.

Il-Każin

Minbarra id-dar u l-knisja, għal Edgar il-każin kien isib il-wens u l-kumpanija u kien jiffrekwentah kważi kuljum. Meta staqsejtu xi fatti li spikkaw matul dawn is-snin semma' il-kwistjoni taħraq tas-sittinijiet waqt il-kwistjoni politika reliġjuża meta waqt il-festa ta' San Lawrenz il-każin kien ingħalaq u l-banda ma daqqitx. Dwar il-bdil tal-isem hu jgħid li sal-lum għad għandu mixed feelings dwar il-bidla. Għalkemm hu jħobb sew lill-qaddis patrun però personalment xtaq li l-bidla issir għal Soċjetà jew Każin San Lawrenz però l-banda tibqa' Duke of Edinburgh. Jiftakar meta darba kienu insterqu xi flus u materjal mill-bar tal-każin li ma kienx fl-istess post li hu llum iżda iktar il-ġewwa. Kompla jiftakar meta bħala banda ħadet sehem fil-karnival u hu kien ħadem ħafna kpiepel.

Illum Edgar jgħodd 87 sena u issa ilu nieqes mill-Birgu kważi 5 snin. Meta staqsejtu kif jara il-futur tal-każin qalli li bħal kazini l-oħra il-futur għandu jkun f'idejn iż-żgħażagħ però illum sfortunatament minkejja l-progress li hawn, iż-żagħżagħ għandhom moħħhom imxerred fuq il-ħruġ, xalar u tbaħrid u qajla jagħtu każ sabiex jiddedikaw ħinhom għal soċjetà bħal Każin tal-Banda.

B'dik in-nota kemmxejn pessimistika jien għalaqt din l-intervista ma' Edgar.

Lil Edgar min hawn nawgurawlu għomor twil fejn fih ikollu ċans jixtarr u jerġa' jġib memorja ta' ħajja mimlija. Ukoll li f'isimkom il-qarrejja ta' din in-newsletter nażżarda inwiegħed li jekk ikollu bżonnha isibna u għala le jekk xi ħadd ikun irid imur itih titwila u jgħidlu kelmtejn Edgar bil-karattru simpatiku, kwiet imma li jiġbdek żgur li ma jgħidx le anzi bħal ma' laqa' lili żgur li jilqa' lil kulħadd.

ATTIVITÀ GĦAX-XHUR TA' MARZU U APRIL

It-Tnejn 1 ta' Marzu	**Fis-6.00pm** Laqgħa Ġenerali tas-Sezzjoni Żgħażagħ tal-Għaqda Każini tal-Banda
It-Tlieta 2 ta' Marzu	**Fis-6.00pm** Laqgħa tal-Kummissjoni Finanzi **Fis-7.00pm** Laqgħa tal-Kummissjoni Banda
L-Erbgħa 3 ta' Marzu	**Fis-7.00pm** Laqgħa tal-Kumitat Ċentrali
Il-Ħamis 4 ta' Marzu	**Fis-700pm** Laqgħa tal-Kummissjoni Attivita' Soċjali
It-Tlieta 9 ta' Marzu	**Fis-600pm** Kummissjoni Proġett Bini tas-Sala
L-Erbgħa 10 ta' Marzu	**Fl-10.00a.m** Laqgħa tal-Kummissjoni Finanzi **Fis-6.30pm** Quddiesa minn Mons. Arċisqof fil-Parroċċa ta' Raħal Ġdid ghal dawk involuti fl-organiżazzjoni tal-Festi.
Il-Ġimgħa 19 ta' Marzu	**FESTA PUBBLIKA SAN ĠUŻEPP**
Il-Ħamis 25 ta' Marzu	**Fis-700pm** Lelja Muziko Letterarja bis-sehem tal-University Junior College Orchestra' Wara jsir ftuħ tal-Wirja Ġetsemani mill-Onor. Chris Said u Tberik mill-Wisq Rev.Kan Arcipriet Joe Caruana
Il-Ġimgħa 26 ta' Marzu	**TIFKIRA TAD-DULURI** Wirja Ġetsemani **09.30am -12.00** u **5.00pm sa 9.00pm**
Is-Sibt 27 ta' Marzu	Wirja Ġetsemani mid- **09.30am u 12.00** u mill-**5.00pm sa 9.00pm**
Il-Ħadd 28 ta' Marzu	Wirja Ġetsemani mid-**09.30am sa 12.00** u mil-**4.00pm sa 9.00pm**
It-Tnejn 29 ta' Marzu	Wirja Ġetsemani mid -**9.30am sa 12.00** u mil-**5.00pm sa 9.00pm**
It-Tlieta 30 ta' Marzu	Wirja Ġetsemani mid-**9.30am sa 12.00** u mill- **5.00pm sa 9.00pm**
L-Erbgħa 31 ta' Marzu	**JUM IL-ĦELSIEN** Wirja Ġetsemani mid-**9.30am sa 12.00** u mill-**5.00pm sa 9.00pm**
Il-Ħamis 1 t' April	Tifkira tat-Twaqqif ta' l-**EWKARISTIJA** Wirja Ġetsemani mid-**9.30am sa 12.00** u mill-**5.00pm sa nofs il-lejl**
Il-Ġimgħa 2 t' April	**Tifkira tal-Mewt ta' Sidna Ġesu Kristu - IL-ĠIMGĦA L-KBIRA** Sehem tal-Banda Vittoriosana San Lawrenz fil-Proċessjoni tal-Ġimgħa l-Kbira Wirja Getsemani **9.30am sa 12.00** u **4.00pm sa 9.00pm**
Is-Sibt 3 t' April	Wara l-funzjoni ta' Sibt il-Għid isir is-solitu Buffet fil-Kazin fost id-daqq tal-Valzi u Marci ferrieħa
Il-Ħadd 4 t' April	**Ħadd il-Għid KRISTU RXOXT** Sehem tal-Banda Vittoriosana San Lawrenz fil-proċessjoni ta **KRISTU RXOXT**
It-Tlieta 6 t' April	**Fis-7.00pm** Laqgħa tal-Kumitat Ċentrali
It-Tnejn 12 ta' April	**Fis-6.30pm** Kunċerta tal-Banda.
L-Erbgħa 14 t' April	**Fid-9.30am** Kummissjoni Finanzi
Il-Ħamis 15 t'April	**Fis-6.30pm** Kunċert tal-Banda
Is-Sibt 17 t' April	Wasla tal-Qdusija Tiegħu il-Papa Benedittu XVI
Il-Ħadd 18 t' April	Attivitajiet konnessi mal-Vista tal-Papa f'Malta
It-Tnejn 19 t' April	**Fis-6.30pm** Kunċert tal-Banda
L-Erbgħa 21 t' April	**Fis-6.30pm** Kunċert tal-Banda
Il-Ġimgħa 23 t' April	**Fis-6.30pm** Kunċert Ġenerali tal-Banda
Is-Sibt 24 t' April	**Fis-7.30pm** Kunċert Annwali fil-Caraffa Exhibition Halls mill-Banda Vittoriosana San Lawrenz f'gieħ is-Surmast Paul Schembri f'Għeluq it-tletin sena Surmast Direttur
It-Tlieta 27 t' April	**Fis-7.00pm** Kummissjoni Ġimgħa Kbira
Il-Ġimgħa 30 t' April	Ikla fil-Biħa tal-Każin

MIFSUD GARAGE LTD.

IRONMONGERY

Għal dak kollu li wieħed ikollu bżonn għad-dar

56, La Vallette Street, Vittoriosa

Tel: 2180 7535

Tower Ladder

ta' 18-il Metru għall-Kiri

Irrikorru għand:

Paul Cilia

Mob: 9949 9623

Magic Prices

Carmel Street, Fgura

Prop. Kevin Agius

Fejn issib il-ħtiġijiet kollha tad-dar ***bi prezzijiet li ma jitwemmnux.***

Tel. 21 806039

S.V.S. LEISURES

AMUSEMENT & LEISURE MACHINE OPERATORS

S.V.S. LEISURES
FORT ROAD,
MOSTA MST 14, MALTA
TEL: 2141 1184, 2143 8999
FAX: 2141 8824

Leħen is-Soċjetà Mużikali San Lawrenz